

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.10.2009
KUMM(2009) 516 finali

2009/0146 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE li tħejji lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tniżżel il-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Dan l-Abbozz ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tneġġi lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minn pajjiżi terzi, u li tniżżel il-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom¹.

Id-Deċiżjoni 79/542/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet veterinarji għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk ta' annimali bħal dawn u ta' ekwidi, waqt li teskludi l-preparamenti tal-laħam.

Minħabba bidliet fundamentali fil-qafas regolatorju f'dan il-qasam, u għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' sigurtà legali, id-dispożizzjonijiet kollha tad-Deċiżjoni 79/542/KEE ġew stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jistipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja².

Hekk kif dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tiskadi u ma tapplikax aktar.

Għall-fini taċ-ċarezza u t-trasparenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi rrevokata espliċitament b'effett minn dik id-data.

¹ ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jistipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni preżumibbilment f'Jannar 2010 (SANCO/4787/2009).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE li tħejji lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tniżżel il-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 u l-Artikolu 152(4)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reguni⁵,

Filwaqt li jaġixxu konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁶,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar il-problemi tas-saħħa u l-ispezzjonijiet veterinarji fuq l-importazzjoni ta' bhejjem tal-ifrat, mogħoż u ngħaġ u majjali, kif ukoll ta' laħam frisk jew ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi⁷ stabbilixxiet li għandha titfassal lista tal-pajjiżi jew tal-partijiet minnhom li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti annimali ħajjin u ta' laħam frisk ta' ċerti annimali.
- (2) Għalhekk, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tħejji lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minn pajjiżi terzi, u li tistipula il-kondizzjonijiet għas-saħħa tal-annimali u dik pubblika u għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom⁸. Din id-Deċiżjoni tistabilixxi l-kondizzjonijiet sanitarji għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' annimali ħajjin, esklużi l-ekwidi, u għall-importazzjoni ta' laħam frisk ta' annimali bħal dawn, inklużi l-ekwidi, iżda li teskludi l-preparazzjonijiet tal-laħam. L-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni jstabilixxu wkoll

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁷ ĠU L 302, 31.12.1972, p. 28.

⁸ ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.

listi ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom li minnhom ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom jistgħu jiġu importati lejn il-Komunità kif ukoll mudelli ta' ċertifikati veterinarji.

- (3) Mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċizzjoni, għadd ta' rekwiżiti ġodda tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika ġew stipulati f'atti oħra Komunitarji, inklużi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman⁹, u d-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati hajjin¹⁰, kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel¹¹, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali¹², ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman¹³, u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali¹⁴.
- (4) Dawn l-atti Komunitarji jikkostitwixxu qafas regolatorju ġdid f'dan il-qasam u d-Direttiva 72/462/KEE ġiet ukoll revokata mid-Direttiva 2004/68/KE.
- (5) L-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/68/KE jistipula li r-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti skont id-deċiżjonijiet adottati għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin, ta' laħam u ta' prodotti tal-laħam skont id-Direttiva 72/462/KEE, *inter alia* d-Deċiżjoni 79/542/KEE, għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu mibdula b'miżuri adottati skont il-qafas regolatorju l-ġdid.
- (6) Flimkien ma' dan, l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti direttivi rigward iġene tal-ikel u kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u sabiex ikunu mqiegħda fis-suq ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali intiżi għall-konsum mill-bniedem¹⁵ jistipula li sakemm jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 jew id-Direttiva 2002/99/KE, ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tad-Direttiva 72/462/KEE għandhom ikomplu japplikaw.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jistipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità

⁹ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

¹⁰ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321.

¹¹ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

¹² ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

¹³ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

¹⁴ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

¹⁵ ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33.

ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni¹⁶¹⁷, fih rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja u dispożizzjonijiet oħra li jqisu l-qafas regolatorju l-ġdid u li jibdlu dawk stipulati fid-Deċiżjoni 79/542/KEE. Hekk kif dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE għalhekk tiskadi u ma tibqax tapplika aktar.

- (8) Għall-fini taċ-ċarezza u t-trasparenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi rrevokata espliċitament b'effett minn dik id-data,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi rrevokata b'effett minn [Għandha timtela bid-data tal-pubblikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jstipula listi ta' pajjiżi terzi, ta' territorji u ta' partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja¹⁸ + 20 jum – ex art 254 KE. Għandu jkun żgurat li din id-Deċiżjoni tiġi rrevokata b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jittieħdu bħala referenzi għar-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jstipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja¹⁹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁶ ĠUL [...], [...], p. [...].

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jstipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni preżumibbilment f'Jannar 2010 (SANCO/4787/2009).

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jstipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni preżumibbilment f'Jannar 2010 (SANCO/4787/2009).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' [...] (KE) Nru XX/2010 li jstipula listi ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni lejn il-Komunità ta' ċerti annimali u ta' laħam frisk u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni preżumibbilment f'Jannar 2010 (SANCO/4787/2009).